MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2005

Appell Kriminali Numru. 14/2005

**Il-Pulizija**
**(Supt. A. Mamo)**
**Vs**
**Paul Balzan**

**Il-Qorti:**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar snin u cioe fl-erbgha w ghoxrin ta' Jannar 2002 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:**

**1) xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb tal-kummerc merkanzija b'marka, sinjal jew emblema**

**mxebbhin b'qerq u cioe` sigaretti Rothmans Blue foloz;**

**2) Talli bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, mmanufattura, dduplika jew b'mod iehor ipproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew b'mod iehor offra ghall-bejgh jew biex iqassam xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur ta' jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-Awtur li jkollha persuna w protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha;**

**3) F'isem l-Kontrollur tad-Dwana talli fl-erbgha w ghoxrin ta' Jannar 2002, wara intervent u tfittxija li saret mill-Ufficjali tad-Dwana u tal-Pulizija fil-fond Qormi Bocci Club, instab li kien fil-pussess billi kellu depositati ghandu, biegh jew espona ghal bejgh sigaretti li jikkonsistu fi tmien pakketti Rothmans Blue, bil-faxex tad-Dazju tas-Sisa falsifikati, u dan bi hsieb li jifforda lil Gvern minn dazju u taxxi li jkunu jmissu jithallsu u/jew biex jehles minn xi limitazzjoni, s-sigaretti in kwistjoni, li gew maqbuda ghandhom valur ta' zewg liri maltin, Dazju ta' Sisa ta' hames liri, sitta w tletin centezmu u tmien millezmi, Taxxa tal-Valur Mizjud [VAT] ta' lira w ghoxrin centezmu w imposta [LEVY] ta' disghin centezmu u hames millezmi, liema Dazju tas-Sisa, VAT w imposta [LEVY] ma gewx imhallsa u/jew kawtelati;**

**4) F'isem l-Kontrollur tad-Dwana talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, ffalsifika xi kon, boll, marka jew xi mezz iehor li jintuza mill-Gvern, jew taht l-awtorita tal-Gvern, ghalbiex jintghamlu faxex ta' dazju tas-sisa jew ghalbiex jimbolla jew jimmarka dawk il-faxex ai fini tal-Att dwar Dazju tas-Sisa;**

**5) F'isem l-Kontrollur tad-Dwana talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, ffalsifika xi kon, boll, marka jew xi mezz iehor falsifikati, impressjoni fuq xi materjal;**

**6) F'isem l-Kontrollur tad-Dwana talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, biegh u/jew espona ghal bejgh jew**

**spacca jew uza xi kon, boll, marka jew mezz falsifikati jew impressjoni maghmula bihom;**

**7) F'isem l-Kontrollur tad-Dwana talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, xjentement u minghajr raguni tajba, kellu ghandu kon, boll, marka jew mezz falsifikati jew impressjonijiet maghmula bihom;**

**8) F'isem l-Kontrollur tad-Dwana talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, falsament ghamel uzu ta' kon, boll, marka jew mezzi veri jew ghamel xi wiehed mill-atti msemmija fil-paragrafi (e),(f) u (g) tal-artikolu 16 tal-Kap 382 dwar Dazju tas-Sisa rigward impressjonijiet foloz maghmulin b'ghodod veri;**

**9) F'isem l-Kontrollur tad-Dwana talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, kien b'xi mod xjentement involut f'xi evazjoni jew tentattiv ta' evazjoni tad-dazju li ghandu jingabar bis-sahha tal-Att dwar Dazju tas-Sisa;**

**10) F'isem l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, huwa akkuzat talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, instab li kien fil-pussess billi kelllu depositat ghandu jew espona ghal bejgh tmin pakketti b'ghoxrin sigarett kull pakkett, Rothmans Blue, bil-faxex tad-Dazju tas-Sisa falsifikati, u dan bi hsieb li jifforda lil Gvern minn dazju u taxxi li jkunu jmissu jithallsu u/jew biex jehles minn xi limitazzjoni, s-sigaretti in kwistjoni, li gew maqbuda ghandhom valur ta' zewg liri maltin, Dazju ta' Sisa ta' hames liri, sitta w tletin centezmu u tmien millezmi, Taxxa tal-Valur Mizjud [VAT] ta' lira w ghoxrin centezmu w imposta [LEVY] ta' disghin centezmu u hames millezmi, l-importazzjoni tal-ogetti hawn fuq imsemmija hija projbita u/jew ristretta, liema Taxxa fuq il-Valur Mizjud [VAT] ma gietx imhallsa u/jew kawtelata.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-21 ta’ Jannar, 2005, li biha, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 298(1)(f), 298B u 533 tal-Kap. 9, l-artikolu 62 tal-Kap. 37, l-artikolu 16(d)(e)(f)(g)(h)(j) tal-Kap. 382 tal-Ligijiet ta’

Malta, l-Att XXIII tal-1998 u l-Avviz Legali nru. 118 tas-sena 1992 u l-Avviz Legali 120 tas-sena 1992, iddikjarat li sabet lill-imputat hati tat-tielet akkuza w ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) u stante dak dispost fl-artikolu 62 proviso "c" tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta kkundannatu ghal gurnata prigunerija sospiza ghal sentejn ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta w iddikjarat li ma sabitux hati tal-kumplament tal-akkuzi w illiberatu minnhom.
Ordnat li ai termini tal-artikolu 62 tal-Kap. 37 li terz mill-multa fuq inflitta w cioe' tmin liri, tlieta w tletin centezmu w tlett millezmi (LM8.33,3) tigi meqjusa bhala dejn civili w ghandha tithallas lil Gvern ta' Malta. Ordnat ukoll il-konfiska tas-sigaretti esebiti f'dawn il-proceduri favur il-Gvern ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-27 ta' Jannar, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha w thassaraha fejn l-appellant instab hati tat-tielet akkuza w tilliberah minn kull htija w piena dwar din l-akkuza, w tikkonfermaha fil-bqija.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravvji tal-appellant huma s-segwenti w cioe' :- Li ghalkemm hu pacifiku li d-dazju fuq is-sigarretti ma kienx thallas u d-difiza ma tikkontestax il-fatt li l-faxex tad-Dazju tas-Sisa kienu falsifikati, hu ma kienx jaf u lanqas seta' kien jaf li l-oggetti li nstabu ghandu kienu ta' natura ta' dawk imsemmija fil-paragrafi rilevanti tal-Kap.37 u ghalhekk zgur li ma kellu ebda hsieb li jiddefroda l-Gvern minn dazju w taxxi li kellhom jithallsu jew li jehles minn xi limitazzjoni. Illi l-Ewwel Qorti stess fis-sentenza appellata kkonkludiet li** minn imkien ma jirrizulta li l-imputat xjentement kien involut f' xi evazjoni ta' dazju **u ghalhekk l-appellant huwa perpless kif il-Qorti applikat proprju dan ir-ragunament biex illiberatu mid-disa' akkuza izda mhux mit-tielet akkuza. Illi f' dan il-kaz l-appellant kellu kull raguni valida jahseb li dan id-dazju gie mhallas, meta wiehed iqis il-fatt li hu xtara**

**dawn is-sigarretti kif kien jaghmel ta' kulljum minn stabbiliment serju w maghruf bhal ma hu *Guido Vella Cash & Carry* u anki nghata ricevuta ufficjali dwar dan il-biegh u l-Ewwel Qorti stess qalet li kellu jigi emmnut meta qal <u>li huwa kien xtara b' mod regolar</u>i s-sigarretti in kwistjoni mill-istabbiliment imsemmi fit-23 ta' Jannar, 2002 u li dawn kien xtrahom bis-sewwa.**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti ;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi f'dan il-kaz l-appell hu limitat ghas-sejbien ta' htija mill-Ewwel Qorti tal-akkuza kontemplata taht it-tielet imputazzjoni u cioe' dik li kien instab fil-pussess billi kellu depozitati ghandu , biegh jew espona ghall-biegh sigarretti li jikkonsistu fi tmin pakketti Rothmans Blue , bil-faxex tad-Dazju tas-Sisa falsifikati w dan bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern minn dazju w taxxi li jkunu jmissu thallsu u/jew biex jehles minn xi limitazzjoni , liema dazju tas-sisa , Vat u imposta, Levy ma gewx imhallsa u/jew kawtelati. Fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ccitat l-artikolu 62 tal-Kap.37 u l-artikolu 16(1) (d)(e)(f)(g)(h) u (j) tal-Kap382 tal-Ligijiet ta' Malta bhala dawk li tahthom sabet htija. Issa l-artikolu 62 tal-Kap.37 jikkontjeni diversi subincizi . Pero' dawk li din il-Qorti tara li setghu kienu applikabbli ghall-kaz ta' din l-imputazzjoni in ezami kienu biss is-subincizi (f), (g), (h) u (i) ta' dan l-artikolu. L-istess din il-Qorti tara li l-uniku subinciz tal-artikolu 16 tal-Kap. 382 li jista' jkun applikabbli ghal din it-tielet imputazzjoni hu s-subinciz (1) (j) li jiddisponi li ikun hati ta' reat kull min "ikun b' xi mod <u>xjentement</u> involut f' xi evazjoni ta' jew tentattiv ta' evazjoni tad-dazju li ghandu jingabar" taht l-Att Dwar id-Dazju w s-Sisa, (sottolinear ta' din il-Qorti).**

**Issa kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali** "Il-Pulizija vs. Andrew Ellul Sullivan et" **[20.3.2003], is-subincizi (e) sa (i) tal-istess artikolu 62 jirrikjedu ix-xjenza. L-istess kien gie ritenut fl-Appell Kriminali** "Il-Pulizija vs. Anthony Mifsud et" **[12.6.1989] fejn intqal li fl-artikolu 62** ***"Il-Ligi ma tuzax il-kelma xjentement fil-paragrafi kollha ta' dan l-Artikolu." "jekk il-prosekuzzjoni tipprova li l-appellant zamm ghandu jew laqa' ghandu oggetti li fuqhom ma thallasx dazju , b' daqshekk ma tkunx issodisfat il-vot tal-ligi billi tkun trid tipprova ukoll li l-imputat agixxa xjentement, altrimenti il-kelma xjentement tkun qeghda fil-ligi ghal xejn."*** **(Ara ukoll** "Il-Pulizija vs. Victor Calleja" **[24.8.1990]**

**Issa l-fatti li taw lok ghal din l-imputazzjoni fil-qosor huma dawn. Waqt li l-Pulizija w Ufficjali tad-Dwana kienu qed jaghmlu investigazzjoni generali fl-inhawi ta' Hal Qormi, fil-Qormi Bocci Club gestit mill-appellant sabu tmin pakketti sigarretti Rothmans Blue li rrizulta li kellhom il-boll tas-sisa falz u li fuqhom ma kienux thallsu dazju jew sisa u Vat . L-impjegat tal-appellant , meta gie mistoqsi x' sigarretti ghandu ta' dawn f' idejn l-ufficjali u qal mill-ewwel minn fejn kienu nxtraw u cioe' minnghand il-Guido Vella *Cash and Carry*. L-appellant kien ukoll wera w ta' lill-Pulizija ricevuta** "TAX INVOICE/ CASH SALE No. 012560" **ta' Guido Vella Cash & Carry favur tieghu li kienet turi li fil-23 ta' Jannar, 2002, hu kien xtara hames kaxex Heineken u kartuna Rothmans Blue , din tal-ahhar bil-prezz ta' LM10.15.**

**Fl-istqarrija tieghu (fols. 19 u 19 tergo), li hu kien irrilaxxja meta mar volontarjament u wahdu id-Depot tal-Pulizija , l-appellant kien iddikjara li hu mhux biss sigarretti jixtri minnghand il-Cash & Carry izda xorb ukoll. Il-pakketti li nstabu mill-Pulizija kien xtrahom il-jum ta' qabel Hu jixtri grossa Rothmans u grossa Royals ghall-klienti li jkun hemm fil-bar jilghabu l-bocci w jiehdu l-kafe'. Ma jzommx hafna "in stock" peress li safa' misruq kemm il-darba. Hu kien xtara**

**grossa wkoll il-gimgha 25 ta' Jannar, L-Erbgha, (23 ta' Jannar) dejjem minnghand Guido Cash and Carry skond l-ircevuta li ghadda lill-Ispettur u kien qdieh certu Reuben dak in-nhar. Dan Reuben kien staqsieh jekk kienx ried xi grossa minn tal-irhis bit-timbru tal-Gvern b' kollox u hu kien wiegbu iva. Dan ifisser li l-grossa kienet bil-prezz tad-dazju qabel gholew . Hu kien xtrahom bhala sigarretti bid-dazju kif jaghmel is-soltu. Dawn kienu gol-plastic kif jixtrihom is-soltu.**

**Illi meta lliberatu mill-akkuzi kollha hlief mit-tielet imputazzjoni u senjatament meta kienet qed tittratta id-disgha akkuza, l-Ewwel Qorti qalet li din ma tirrizultax pruvata *"ghaliex minn imkien ma jirrizulta li l-imputat <u>xjentement</u> kien involut f' xi evazjoni ta' dazju."* (Fol. 27 in calce) Qalet ukoll li ma kellhiex ghalfejn tiddubita lill-appellant f' dak li qal lill-Pulizija a tempo vergine fl-investigazzjoni u dak li xehed quddiemha meta qal li hu kien xtara s-sigarretti " <u>bis-sewwa bid-dazju imhallas</u>". (fol.22).**

Illi pero' minkejja li ghamlet dan il-pronuncjament - fl-opinjoni ta' din il-Qorti korrettament stante c-cirkostanzi tal-kaz u l-fatti li rrizultaw - l-Ewwel Qorti xorta sabet htija taht it-tielet imputazzjoni ghax irriteniet li skond l-artikolu 77 tal-Kap.37 il-legislatur ried li l-oneru tal-prova li, kuntrarjament ghal dak li jigri fil-maggor parti tal-kawzi penali , jaqa' fuq l-imputat li jipprova li d-dazju kien thallas.

**Pero' fil-kaz in ezami l-appellant qatt ma kkontesta li d-dazju ma kienx gie mhallas. Il-kontestazzjoni tieghu hija li hu kien injar mill-fatt li s-sigarretti ma kienux regolari u cioe' li ma kienx hemm l-element tax-xjenza.**

**Illi fl-Appell Kriminali** "Il-Pulizija vs. John Mary Deguara" **[7.9.1990] gie deciz li :-**

***"Hu l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova x-xjenza ." u ".....huwa zbaljat li wiehed japplika l-principji tal-Artikolu 77 tal-Kap.37 meta l-appellant ma tax l-eccezzjonijiet rizultanti taht tali artikoli ."***

F’ dan il-kaz l-appellant mhux qed jippretendi jew jallega li d-dazju kien thallas u ghalhekk ma jiskattax il-provvediment tal-artikolu 77 li fuqu strahet l-Ewwel Qorti biex sabet htija, qabel ma tigi pruvata x-xjenza mill-Prosekuzzjoni.

Fl-Appell Kriminali **“Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Azzopardi** “ [22.9.1993] fejn id-difiza ssollevat in-nuqqas ta’ xjenza u ta’ mens rea tal-imputat fil-partecipazzjoni tieghu fir-reat lilu addebitat gie ritenut li :-

***“ Jigi osservat immedjetament rigward dan il-punt li huwa strettament ta’ natura legali , illi f’kazijiet precedenti fejn l-istess punt inqala’ u gie deciz , il-pozizzjoni illi hadet din il-Qorti kienet fis-sens li dak illi kien gie deciz mill-Imhallef Harding, President ta’ din il-Qorti fl-24 ta’ Novembru, 1945 in re.*** *‘Il-Pulizija vs. Anthony Preca’,* ***fejn , ghall-fini tal-ispostament tal-oneru tal-prova minn fuq il-Prosekuzzjoni ghall-fuq l-imputat , kienet saret distinzjoni importanti bejn il-kaz fejn l-imputat ikun l-importatur u l-kaz l-iehor fejn l-imputat ma jkunx il-komplici tieghu imma jkun assista fl-iskarikar tal-merkanzija .F’dik is-sentenza, li giet imbaghad sussegwentement segwita b’diversi sentenzi ohra fosthom dik in re “Il-Pulizija kontra Joseph Farrugia” deciza minn din il-Qorti fis-7 ta’ Jannar, 1991 , kien gie deciz li ghalkemm huwa veru li skond il-ligi f’akkuza ta’ pussess ta’ oggett li dwaru ma jkunx thallas id-dazju , il-prova li d-dazju kien thallas ghandha ssir mill-imputat , cio’ nonostante fil-materja ghandha ssir distinzjoni bejn il-kaz fejn l-imputat huwa l-importatur ta’ dak l-oggett jew il-komplici tieghu jew l-esekutur immedjat tal-att ta’ kuntrabandu*** *u l-kaz li l-imputat ikun haddiehor. F’dan l-ahhar kaz jinhtieg ghalll-kontravvenzjoni ir-rekwizit tax-xjenza , igifieri li l-imputat kien jaf jew messu ragjonevolment ikun jaf li d-dazju dwar dak l-oggett ma jkunx gie imhallas.”* **(emfasi ta’ din il-Qorti)**

**u**

***"....ghaldaqstant meta c-cirkostanzi juru li l-imputat kellu ragjonevolment jahseb li id-dazju fuq oggetti minnu possedut ma kienx thallas , kellu r-rekwizit ta' dik ix-xjenza u allura huwa hati tal-kontravvenzjoni lilu addebitata.*** *Diversament huwa ezenti minn kull htija min ma kienx jaf u ma setax ragonevolment ikun jaf li d-dazju ma kienx thallas jew min kien mic-cirkostanzi gustifikat jahseb li id-dazju thallas* ***......"*** **(emfasi ta' din il-Qorti).** ***Wiehed pero ' jrid*** **joqghod attent** ***f'sitwazzjoni simili billi ma jispostax l-ordni tal-logika ta' kif ghandhom isiru l-affarijiet u ma jinqabadx f'nasba ta' spostament ta' ragonament pseudologiku....Skond din il-Qorti l-ordni li ghandu jigi segwit huwa illi ghandu jigi stabilit l-ewwel u qabel kollox , x'tip ta' attivita' kienet qed issir mill-appellant . Ghal dan il-fini , din il-Qorti jidhrilha li originarjament il-prova inizjali illi l-imputat kien jew l-importatur ta' l-oggetti , jew il-komplici ... jew li almenu kellu element ta' konoxxenza ta' dak li kien qieghed isir , tinkombi fuq il-prosekuzzjoni , imbaghad una volta stabilit dan , cioe' li jew kien l-importatur jew kien il-komplici jew li kien fi kwalunkwe kaz jaf x'inhu jigri , l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-imputat fit-termini tal-ligi . Pero' inizjalment kif inghad, il-prova trid issir mill-Prosekuzzjoni. "***

**Illi dan l-insenjament u din id-distinzjoni gew segwiti minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza "**Il-Pulizija vs. Francis Xavier sive Franco Borg**" [23.9.1994] fil-kaz ta' pussess ta' oggett li dwaru ma jkunx thallas id-dazju bi ksur tal-paragrafi (g) u (h) tal-Artikolu 62.**

**Dejjem dwar dan l-element tax-xjenza din il-Qorti esprimiet ruha hekk fl-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Louis Frendo" **[12.3.1999] :-**

*"...dan ir-rekwizit ifisser li meta wiehed jikkonsidra c-cirkostanzi kollha relattivi u partikolari ghall-kaz, dawn l-istess cirkostanzi ghandhom ikunu bizzejjed fihom infushom biex juru li f'dak il-kaz , il-possessur tal-oggetti in kwistjoni kien jaf , jew messu ragonevolment ikun jaf minn dawk ic-cirkostanzi , li d-dazju/levy fuq dawk l-*

*oggetti ma kienx imhallas . Din hi t-tifsira ta' dan ir-rekwizit tax-xjenza fl-imsemmija artikoli tal-Kap.37 ."*

**u meta dawn ic-cirkostanzi juru bic-car li l-appellant kien jaf li id-dazju / levy ma kienx thallas :-**

*"...hawn jiskatta in operazzjoni l-Artikolu 77 tal-Kap. 37 li jitfa' l-oneru fuq l-appellant biex jipprova li d-dazju / levy fuq dawk l-oggetti kien thallas .*

Issa f' dan il-kaz l-appellant la kien l-importatur tas-sigarretti in kwistjoni w lanqas jirrizulta li kien xi komplici tal-imporatur jew l-ezekutur immedjat ta' xi att ta' kuntrabandu . Kien biss jiggestixxi Club tal-Bocci w jixtri s-sigarretti w xorb li kienu jikkonsmaw dawk li kienu jiffrekwentaw il-club tieghu, regolarment minnghand stabiliment serju bhal ma hu Guido Vella Cash & Carry . Kien inghata ricevuta "Tax Invoice / Cash Sale" bin-numru appozitu w ma kellux ghaliex jindovna li s-sigarretti ma kienx thallas dazju fuqhom. Min kien beghlu s-sigarretti kien biss offrielu li jixtri sigarretti bid-dazju l-antik u cioe' qabel ma dan kien ghola, minn stock antik u precedenti ghall-awment fid-dazju w hu kien accetta, imma daqshekk.

F' dan l-istat tal-provi, w una volta li l-Ewwel Qorti stess kienet iddikjarat li ***"minn imkien ma jirrizulta li l-imputat <u>xjentement</u> kien involut f' xi evazjoni tad-dazju"*** , kif ukoll li ma kellhiex ghaliex tiddubita l-versjoni tieghu li hu kien xtara is-sigarretti "**<u>bis-sewwa bid-dazju imhallas"</u>**, kien logikament isegwi bl-istess mod li hi tiddeciedi li l-prosekuzzjoni ma kienetx ippruvat l-element tax-xjenza rikjest mill-ligi biex tirrizulta htija taht it-tielet imputazzjoni ukoll.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti r-ragunamenti w konsiderazzjonijiet fuq citati u maghmula japplikaw ukoll fil-kaz tar-reat kontemplat fl-artikolu 16 (1) (j) tal-Kap. 382 li ukoll jirrikjedi l-element tax-xjenza .

Ghalhekk l-aggravju tal-appellant jidher ben fondat u qed jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh u s-sentenza appellata qed tigi riformata billi tigi revokata in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni w ikkunndannatu ghal hlas ta' multa ta' hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) u ghall-gurnata prigunerija sospiza ghal sentejn ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll fejn ordnat li ai termini tal-artikolu 62 tal-Kap.37 li terz mill-multa fuq inflitta u cioe' tmin liri tlieta u tletin centezmu u tlitt millezmi [LM8.33c3m] tigi meqjusa bhala dejn civili u ghandha tithallas lill-Gvern ta' Malta u fejn ordnat il-konfiska tas-sigaretti esebiti favur il-Gvern ta' Malta, b' dan li l-appellant qed jigi dikjarat mhux hati ukoll tat-tielet imputazzjoni u qed jigi liberat minn kull piena pekunjarja w karcerarja sospiza , dejn civili w konfiska , w qed tigi konfermata fil-kumplament taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------